**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Josephine Whiffen

vs

C. Grech Marbles

CCT 157/17/MS

31 ta' Ottubru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Settembru 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €180.00, parti minn prezz ta' bicca granit (table-top) mixtri minghand l-azjenda intimata, liema materjal kien difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-process

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrenti xtaqet tixtri bicca irham ghall-mejda tal-kcina taghha u marret ghand l-azjenda intimata wara li rat riklam fuq it-televizjoni. Waqt li kienet hemm, gie suggerit lilha illi tixtri granit minflok u fil-fatt ordnat bicca ghall-mejda tal-kcina taghha (table-top). Xi gimghatjen wara, l-intimat mar biex ikejjel, u qalilha li ghandu bicca li taqbel perfettament mal-kcina taghha u r-rikorrenti accettat u tatu depozitu ta' hamsin Euro. Dan il-granit gie kkonsenjat xi gimghatejn wara u r-rikorrenti dak il-hin deheret kuntenta. Pero' tallega illi meta rat il-granit l-ghada filghodu fid-dawl, deher dannegiat. Ir-rikorrenti tghid ukoll illi qabbdet bicca hobz u gbejna u poggiethom fuq il-mejda u sakemm lahqet gabet il-plattina, l-mejda ttebbghet. Ir-rikorrenti qed tinsisti illi l-granit illi gie konsenjat lilha ma kienx dak illi hi ordnat originarjament, izda bicca granit iehor li l-intimat 'xtaq inehhi minn fuq l-istonku'. B'kollox ir-rikorrenti tghid illi hallset €230.00

Ikkunsidra

Illi filwaqt illi hemm qbil fuq il-bicca l-kbira tal-fatti, l-intimat spjega illi ghalkemm ir-rikorrenti kienet ordnat granit bl-isem 'Ghibli' dan, jaf ivarja minn bicca ghall-ohra u ghalhekk il-bicca illi giet konsenjata setghet kienet differenti mill-kampjun illi kienet rat originarjament. L-intimat jispjega illi meta r-rikorrenti qaltlu bl-ilment, hu qalilha illi dan huwa oggett haj u l-vina taf tvarja minn gebla ghall-ohra. Wara li ilmentat, mar ghandha bl-intendiment li jjsolvi l-problema u jerga' japplika trattament biex jissigilla l-irham pero' ir-rikorrenti xorta ma kenitx kuntenta. Fix-xhieda tieghu l-intimat jispejga li hu diga' ghamel dan it-trattament qabel u kien lest li jerga' jaghmilielha.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti f'dawn il-proceduri qieghda tilmenta minn zewg affarijiet –

1) il-granit li gie konsenjat ma kienx skond il-kampjun li rat ghand l-intimat
2) il-granit kien intebba

Ikkunsidra

Illi jidher illi ghalkemm r-rikorrenti ghall-ewwel xtaqet irham, fuq parir tas-*salesgirl*, ddecidiet li tixtri materjal iehor (granit jismu Ghibli). Jidher ukoll illi dak li eventwalment xtrat u li gie konsenjat lilha, ghalkemm kien 'Ghibli', forsi ma kienx ezattament bhall-kampjun li kienet rat originarjament. Pero', tajjeb jew hazin, dan kien accetat mir-rikorrenti u fi kliemha stess, kienet kuntenta bih. Hemm diskrepanza fix-xhieda tar-rikorrenti meta hin minnhom tghid illi l-ghada fid-dawl rat xi varjazzjonijiet fil-*pattern* tal-granti li ma kienux jidhru l-gurnata ta' qabel u fil-kontro-ezami taghha fejn tghid illi l-problemi hargu xi gimgha u nofs wara meta poggiet bicca hobz u gbejna fuq il-granit u dan ittebba'. Zgur, pero' li r-rikorrenti poggiet xi ikel fuq il-mejda, liema ikel, minn natura tieghu, jista' ikun aciduz.

Ikkunsidra

Huwa pacifiku li fejn jidhol materjal bhal irham u granit wiehed ghandu joqghod ferm attent x'jpoggi fuqhom peress li dan il-materjal huwa fin-natura tieghu poruz u jassorbi likwidu mal-ewwel u facilment jittebba.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha u sema' x-xhieda, jidhirlu illir-rikorrenti m'ghamlitx decizjoni infurmata bizzejjed dwar dak li kienet ser tixtri. Sew jekk kienet ser tixtri irham u sew jekk kien granit tal-kampjun illi rat originarjament, it-Tribunal huwa konvint li l-istess kien ser jigri. Evidentement ir-rikorrenti ma kenitx infurmata bizzejjed

dwar il-manutnezjoni tal-irham/ granit. Peress illi huwa ben maghruf illi dan il-materjal facilment jittebba aktar u aktar jekk jaqa' fuqu xi likwidu bhal hall, zejt, u anke lumi. Ir-rikorrenti bdiet tilmenta wara illi ttebba' il-granit u mhux wara li gie kkonsenjat il-materjal. Fil-fatt, hi tghid li l-wicc dam ghandha gimgha u nofs minghajr xi ilment u li kien biss wara li ttebghatu illi ppretendiet li l-intimat jaghtiha wicc iehor. Terga' u tghid ir-rikorrenti rrifjutat l-ghajnuna tal-intimat meta dan offrielha illi jissiggilla l-granit.

Ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux li r-rikorrenti ghandha ragun f'din l-istanza.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru